



EESC info

European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society

December 2022 | MT

The Grassroots View – Sta?un 3 Episodju 22 – COP27: sfidi u aspettattivi mill-perspettiva tas-so?jetà ?ivili organizzata

In-negożjaturi mill-Istati firmatarji tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima qed jiltaqgħu l-Eġittu biex jiddiskutu l-progress lejn l-indirizzar tal-kwistjoni urġenti tat-tiżhin globali. X'inhuma l-aspettattivi u t-tħassib għall-COP27? X'inhu r-rwol tas-soċjetà ċivili organizzata, u qed tingħata biżżejjed attenzjoni fin-negożjati?

Sandra Parthie, membru tal-KESE, **Adélaïde Charlier**, attivista Belġjana dwar it-tibdil fil-klima u d-drittijiet tal-bniedem, **Frédéric Simon**, editur ta' EURACTIV dwar l-enerġija u l-ambjent, u **Luisa Neubauer**, attivista Ġermaniża dwar il-ġustizzja klimatika u d-drittijiet tal-bniedem, se jingħaqdu magħna biex jesprimu l-fehma tagħhom. (tk)

Available Languages:

ES	BG	CS	DA	EN	DE	ET	FR	EL	GA	HR	IT	LV	LT	HU	MT
NL	PL	PT	FI	RO	SK	SL	SV								



Nistabbilixxu l-prijoritajiet tagħna

Nistabbilixxu l-prijoritajiet tagħna

Għeżież qarrejja,

Kważi għaxar xhur minn mindu r-Russja bdiet il-gwerra fl-Ukrajna, il-missili jibqgħu jaqgħu ta' kuljum fuq il-bliet Ukreni. L-iżviluppi reċenti, inkluż inċident fatali fit-territorju tal-UE, fakkruna fit-theddida kostanti għas-sigurtà u l-konsegwenzi tal-gwerra. F'dan l-isfond, il-prijoritajiet komuni tagħna tal-UE għax-xhur li ġejjin huma ċari.

L-ewwel prijorità hija l-appoġġ kontinwu għall-Ukrajna u l-poplu tagħha, li qed jiffaċċjaw kundizzjonijiet estremi. Il-ħsara lin-network tal-ilma u l-qtugħ tal-elettriku ħallew miljuni ta' nies fl-Ukrajna mingħajr aċċess adatt u sikur għall-ilma, l-elettriku u s-

sħana. L-appoġġ u s-solidarjetà tal-UE għandhom jissoktaw.

It-tieni prijorità hija s-sigurtà u l-valuri demokratiċi tal-UE. Ninsab assicurata bit-tħabbira tal-lizvezja li s-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE u s-salvagwardja tal-valuri fundamentali tal-UE huma tnejn mill-kwistjonijiet ewlenin li ser isawru d-direzzjoni politika meħuda mill-presidenza li jmiss tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. M'għandniex inħallu s-sigurtà jew il-valuri tagħna jiġu affettwati mentri nuru solidarjetà mal-Ukrajna. L-unità Ewropea hija kruċjali.

Il-prijoritajiet l-oħra jinkludu li nikkontrollaw kriżi tal-enerġija mingħajr preċedent u nħaffu t-tranżizzjoni ekoloġika. Minħabba l-perspettiva ekonomika dinjija negattiva għall-Ewropa, bl-inflazzjoni mistennija tilħaq 9,3 % fl-UE fl-aħħar tas-sena, jeħtieġ li nistabbilixxu b'mod ċar il-prijoritajiet it-tajba, aktar milli nżommu max-xenarju ta' żamma tal-istatus quo. L-iżgurar tal-irkupru u l-appoġġ għan-negozji u n-nies li qed jaffaċċjaw rata għolja ta' inflazzjoni u prezzijiet għoljin tal-enerġija huma ta' importanza ewlenija għall-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna, kif ukoll għad-demokrazzi tagħna.

Barra minn hekk, ma nistgħux ninsew il-ħtieġa li nsaħħu l-kompetittività tal-UE għall-impjiegi tal-futur. Hekk kif in-negozji tal-UE qed jitħabtu biex isibu ħaddiema b'livell adegwat ta' ħiliet, mentri ħafna miż-żgħażaġħ tagħna ma jistgħux isibu impjeg, wasal iż-żmien li nibdew nindirizzaw l-ispariġġ fil-ħiliet. Fir-rigward tal-kompetittività tas-suq globali, ma nistgħux neħlu l-kapital uman tal-UE.

Prijorità globali oħra hija l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Il-KESE semma' leħnu ħafna, permezz tal-Opinjonijiet li ħareġ u l-avvenimenti li ospita, dwar kif il-Patt Ekoloġiku Ewropew jista' jsir patt soċjali wkoll. Sfortunatament, id-dimensjoni soċjali għadha mhux żviluppata biżżejjed. Id-djalogu soċjali għandu jkun parti integrali tal-politiki stabbiliti biex jintlaħqu l-miri tal-politika dwar il-klima sal-2050.

Ippermittuli nenasizza wkoll l-importanza tat-tisħiħ tad-demokrazija parteċipattiva fl-Ewropa. Bl-isfidi kollha li għandna quddiemna, ninsab konvinta li se ninnexxu biss jekk ninvolve liċ-ċittadini Ewropej b'mod awtomatiku. It-tagħlimiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa jridu jingħataw segwitu. Il-KESE jinsab lest li jaqdi rwol ċentrali bħala ċentru għall-parteeipazzjoni futura taċ-ċittadini fl-Ewropa.

U fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, hekk kif noqorbu lejn tmiem l-2022 – is-Sena taż-Żgħażaġħ – għal darb'oħra nixtieq niringrazzja lill-millennials u l-Ġenerazzjoni Z talli jiddefendu l-valuri tal-UE u tal-isforzi kontinwi tagħhom biex jieħdu azzjoni bil-għan li jibnu dinja aħjar, inklużiva u sostenibbli. Din hija r-responsabbiltà komuni tagħna.

Christa Schweng
, President tal-KESE

DATI TAD-DJARJU

14-15 ta' Diċembru 2022, Brussell

Sessjoni plenarja tal-KESE

21 ta' Diċembru 2022, Brussell

It-triq 'il quddiem għall-ekonomija tal-UE

27-28 ta' Frar 2023, Brussell

Konferenza tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari 2023



DRITT GħALL-PUNT

Fir-rokna tagħna “Dritt għall-punt” nistaqsu lill-membri tal-KESE biex jenfasizzaw aspetti ta’ Opinjoni jew Inizjattiva li huma jqisu importanti.

Din id-darba staqsejna lil **Michael McLoughlin**, awtur ta’ rapport ta’ informazzjoni li jenfasizza l-kwistjoni tat-trattament ugwali taż-żgħażaġħ fis-suq tax-xogħol. (ehp)



MICHAEL MCLOUGHLIN: G?AL TRATTAMENT UGWALI TA?-?G?A?AG? FIS-SUQ TAX-XOG?OL

L-2022, is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ, qed tasal fi tmiemha. F'rapport dwar it-trattament ugwali taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol, il-KESE jirrakkomanda approċċ ibbażat fuq bidla sinifikanti fil-politika u l-involviment taż-żgħażaġh biex jiġi żgurat li s-Sena taż-Żgħażaġħ tkun aktar minn sempliċi attività ta' komunikazzjoni.

Matul is-sena, il-KESE kien minn ta' quddiem biex jipproponi Opinjonijiet ibbażati fuq l-interessi taż-żgħażaġh u modi kif il-KESE nnifsu jista' jtejjeb l-involviment taż-żgħażaġh.

Bħala parti minn dan il-proċess, il-KESE fassal rapport dwar [It-Trattament Ugwali taż-Żgħażaġħ fis-Suq tax-Xogħol](#). L-għan tiegħu kien li janalizza għadd ta' prattiki u regoli, sikwit fil-livell lokali, li jittrattaw liż-żgħażaġh b'mod inqas favorevoli fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari fir-rigward tal-pagi minimi, is-sigurtà soċjali u s-saħħa u s-sikurezza, purament minħabba l-età tagħhom.

Abbażi ta' informazzjoni mill-Eurofond, il-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ, l-ILO u s-Sistema ta' Informazzjoni Reċiproka dwar il-Protezzjoni Soċjali, l-Opinjoni ħarġet fid-dieher id-dettalji dwar uħud minn dawn il-kwistjonijiet. Iż-żgħażaġh huma partikolarment dipendenti mill-paga minima, b'aktar minn żaġġuġh/a wieħed/waħda minn kull 4 jaqilgħu l-paga minima, meta mqabbel ma' adult/a minn kull 10, skont il-Forum Ewropew taż-Żgħażaġħ. Għadd ta' Stati Membri ffissaw "pagi minimi għaż-żgħażaġh" speċifiċi, li f'kull każ huma aktar baxxi mill-paga minima ġenerali għal gruppi tal-età partikolari, filwaqt li Stati Membri oħra jeskludu żgħażaġh taħt it-18-il sena mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-paga minima.

Qasam ieħor fejn jista' jkun hemm trattament divrenzjat taż-żgħażaġh huwa matul il-perjodi tal-qgħad. Mill-ġdid, dawn huma prinċipalment kompetenzi tal-Istati Membri, b'mod partikolari fil-każ tar-rati ta' pagament, il-perjodi ta' ħlas u l-kriterji. Hemm livell għoli ta' diversità u kumplessità fost is-sistemi nazzjonali fl-Ewropa. Madankollu, nistgħu nimmaġinaw xenarji fejn dawn id-differenzjali ser iħallu impatt fuq kwistjonijiet bħall-impjiegi u l-moviment liberu fi ħdan l-UE.

Iż-żgħażaġh jistgħu jkunu żvantaġġati wkoll mis-sistemi tal-benefiċċji tal-qgħad, peress li jista' ma jkunux lestew il-perjodu meħtieġ ta' "kontributi" biex jikkwalifikaw għas-sistemi relevanti. L-internships mhux imħallsa jistgħu jiġu definiti bħala perjodi ta' xogħol, simili għal dawk imwettqa minn impjegati mħallsa, li mhumex marbuta ma' proċess formalizzat u espliċitu ta' edukazzjoni, taħriġ, volontarjat jew kollokament. Kien hemm varjetà ta' sistemi differenti rrapportati fi Stati Membri differenti b'livelli differenti ta' sorveljanza u regolamentazzjoni. L-Opinjoni enfasizzat ir-Riżoluzzjoni adottata mill-Parlament Ewropew, li qed juri interess akbar f'din il-kwistjoni bħala simbolu tanġibbli ta' impenn għas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ.



IMMAĠINA L-UKRAJNA ...

Fil-kolonna “Immaġina l-Ukrajna” ta’ din l-edizzjoni qed nuru ritratt tal-pont Antonovskiy, li ttieħed f’Awwissu 2021 u li ntgħażel minn **Tetyana Ogarkova**, ġurnalista Ukrena, kritiku letterarja u kittieba ta’ komponimenti. Hija ftakret f’dan ir-ritratt sena wara, fil-11 ta’ Novembru 2022, wara li nqered il-pont, meta l-aħħar truppi Russi telqu mill-belt ta’ Kherson. Din hija d-deskrizzjoni tagħha:

Il-pont Antonovskiy fir-reġjun ta’ Kherson

“Dan ir-ritratt tal-pont Antonovskiy, li ttieħed f’Awwissu 2021, qisu ttieħed minn xi ħajja oħra. Huwa x-xatt tal-Punent ta’ Dniepr f’Kherson, fin-Nofsinhar tal-Ukrajna. Konna nħobbu l-pajjiż sabiħ tagħna u r-reġjun bellezza ta’ Kherson. Illum il-11 ta’ Novembru 2022, jum inkredibbli. Huwa impossibbli li tħares lejn il-pont ta’ Kherson mingħajr ma tibki; dan il-pont strateġiku sfronda, iżda l-belt ta’ Kherson fl-aħħar hija ħielsa. Madankollu, għad fadal ħafna postijiet x’jinħelsu fir-reġjun ta’ Kherson. U kolloxx irid jerġa’ jinbena. Iżda kolloxx se jmur sew. Nemmnju fil-forzi armati tal-Ukrajna, nappoġġjaw lid-difensuri tagħna. Xi darba nerġġhu nirritornaw għal kolloxx fir-reġjun ta’ Kherson. U l-pont Antonovskiy se jerġa’ jinbena u jżomm sod”.

“MISTOQSIJA WA?DA LIL...”



“Mistoqsija wa?da lil...”

F’din it-taqsimha, aħna nipubblikaw il-kummenti tal-membri tal-KESE dwar kwistjonijiet topiċi fid-dibattitu pubbliku u li n-nies jaħsbu dwarhom l-aktar. Din id-darba staqsejna mistoqsija lil tliet membri tad-delegazzjoni tal-KESE għas-summit tal-COP 27 dwar it-tibdil fil-klima, li sar fl-Eġittu fis-6-18 ta’ Novembru 2022. **Sandra Parthie, Isabel Cano Aguilar u Neža Repanšek** wieġbu l-mistoqsija: Il-COP 27 fl-Eġittu laħqet l-aspettattivi tiegħek fir-rigward tal-ġlieda kontra t-tiżhin globali u li nsalvaw il-pjaneta? Fl-opinjoni tiegħek, avvenimenti kbar bħal dawn huma inkoraġġanti jew ta’ diżappunt? X’immaġni tibqa’ f’moħħok tal-COP 27 ? (ehp)



Sandra Parthie: Il-COP27 – diskussjoni imma l-ebda azzjoni

Din is-sena, il-COP27, l-avveniment annwali ewlieni tan-Nazzjonijiet Uniti għan-negożjati dwar il-klima sar fl-Eġittu. Kisret diversi rekords, fost oħrajn dak tan-numru ta' parteċipanti. Attendew għall-avveniment kważi 35 000 persuna – lura għan-normalità wara sentejn COVID-19 u restrizzjonijiet fuq il-laqgħat pubbliċi.

Il-konferenza, li oriġinarjament tlaqqgħet biex jintlaħaq qbil dwar proposti u soluzzjonijiet dwar kif għandu jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima u biex jinstabu modi kif jittaffew il-konsegwenzi u jsir adattament għalihom, inbidlet f'xena fejn ġie enfasizzat l-impatt li qed ikollha fuq kulħadd klima li qed tinbidel, indipendentement minn fejn ġejjin u kif jaqilgħu l-għajxien tagħhom. Fuq l-aġenda tal-COP27 kien hemm wisq aspettattivi u punti.

Minbarra l-isforzi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂, kienu qed jiġu nnegożjati ħafna punti ta' politika differenti, li jvarjaw mis-saħħa għall-ġeneru u d-drittijiet tal-bniedem. Għall-ewwel darba l-agrikoltura tpoġġiet ukoll fuq l-aġenda tal-laqgħa. Filwaqt li din uriet l-impatt tat-tħassib li d-degradazzjoni tal-art u tal-foresti qed ikollhom fuq is-sistemi tal-ikel tagħhom u fuq l-għajxien tal-bdiewa, din żdiedet dimensjoni oħra għal problema li diġà hija kumplessa żżejjed.

Ir-riżultat finali li nkiseb wara li l-Konferenza baqgħet għaddejja għal 36 siegħa żejda, jikkonċentra iktar fuq il-ġustizzja klimatika u inqas fuq l-azzjoni klimatika. Sorpriża pożittiva kienet li ntlaħaq ftehim dwar fond ta' "telf u ħsara", jiġifieri appoġġ finanzjarju biex ikun hemm kumpens għall-ħsara ambjentali u d-degradazzjoni li saret jew li qed issir minħabba t-tibdil fil-klima fl-iktar pajjiżi vulnerabbli li qed jiżviluppaw. Dan is-suġġett ilu jitwarrab mill-Konferenza dwar il-klima għal kważi għaxar snin qabel ma fl-aħħar tpoġġa fuq l-aġenda tal-COP ta' din is-sena.

Sar inqas progress, jew biex inkunu eżatt, ma sar l-ebda progress fir-rigward ta' azzjoni klimatika iktar b'saħħitha, jiġifieri aktar sforzi u impenji mill-pajjiżi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂. Wassal fix-xejn tentattiv min-negożjaturi tal-Kummissjoni Ewropea biex jorbtu l-appoġġ tagħhom għall-fond għat-telf u l-ħsara ma' konċessjonijiet minn kontaminaturi kbar, jiġifieri ċ-Ċina, biex inaqqsu b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tagħhom. Saħansitra kien hemm ir-riskju li l-pajjiżi jerġgħu lura mill-għanijiet li diġà kien hemm qbil dwarhom fil-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 u dawk tal-COP26 tas-sena l-oħra fi Glasgow.

Il-"COP ta' implimentazzjoni", kif tlaqqmet il-laqgħa f'Sharm el-Sheikh, fil-fatt kellha r-riskju li tħott ħafna mill-progress li nkiseb qabel, u essenzjalment heddet li tħoll l-għan maqbul li t-tiżhin globali jiġi llimitat għal 1.5 gradi. Il-pajjiżi argumentaw dwar l-istatus ta' Ċina (verament għadu pajjiż li qed jiżviluppa?), dwar it-tneħħija gradwali tal-fjuwils fossili kollha jew sempliċement tal-faħam, dwar il-kundizzjonijiet marbuta mal-fondi u t-teknoloġiji, eċċ.

Din id-dinamika tqajjem ħafna l-kwistjoni dwar jekk il-format għadux adattat għall-iskop tiegħu. L-għan ewlieni – li jintlaħaq ftehim globali dwar il-ħtieġa li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ – intlaħaq fil-COP21 f'Pariġi. Kif għandu jiġi implimentat dan l-għan, jiġifieri liema metodi għandhom jintużaw biex jingħaddu l-emissjonijiet jew biex jiġi vverifikat it-tnaqqis, jew liema entitajiet għandhom ikunu responsabbli għal dan u fejn għandhom ikunu lokalizzati, huma kwistjonijiet tekniċi ħafna li forsi m'għandhomx jiġu nnegożjati bejn ministri ta' kważi 200 pajjiż, speċjalment jekk kull konferenza tibda mill-bidu nett għal kull suġġett li mhuwiex ta' gost għal xi partijiet. L-implimentazzjoni għandha tiġi indirizzata fil-livell tekniku – mhux mal-kapijiet ta' stat jew ta' gvern li jiltaqqgħu kull sena, iżda ma' partijiet li jiltaqqgħu għal intervalli itwal, kull meta

jkun hemm bżonn ta' ftehimiet ġodda biex il-ħidma tavvanza.

Għalhekk, il-COP27 fl-Eġittu ma laħqitx l-aspettattivi f'termini ta' azzjoni klimatika iktar konkreta jew ambizzjuża, għalkemm avvanzat xi ftit fil-qasam tal-ġustizzja klimatika. Iżda kellha suċċess kbir bħala pjattaforma biex jitlaqqgħu attivisti tal-klima, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ambjent, biex turi l-azzjoni klimatika, jew in-nuqqas tagħha, u biex tkompli tqajjem kuxjenza dwar il-perikli reali u attwali tat-tibdil fil-klima.



Isabel Caño: COP 27 – Flimkien biex inwettqu l-għanijiet

Mort din il-COP b'sens ta' urġenza, bl-idea li ma tantx kien fadal żmien. Il-COP 27 kienet Konferenza deċiżiva, dik li kellha tgħaddi mill-ambizzjoni għall-fatti, il-COP tal-implimentazzjoni.

Ir-realtà għandha rasha iebsa u l-ħin kollu tfakkarna fit-tiżnin globali u li m'aħna nagħmlu xejn fil-qasam tal-klima.

F'dawn l-aħħar snin, in-nuqqas ta' kollaborazzjoni internazzjonali globali ntwera min-nuqqas ta' rieda politika, fir-rigward pereżempju, li jiġi stabbilit fond xieraq għat-telf u l-ħsara. U dan minkejja l-fatt li l-aktar pajjiżi vulnerabbli u l-aktar pajjiżi milquta ilhom jappellaw għal dan għal diversi snin.

Dan l-għan fl-aħħar inkiseb matul din il-COP, anke jekk għadna ma nafux kif dan se jiġi implimentat.

Wara diskussjonijiet twal u kkumplikati, il-COP 27 stabbilixxiet programm ta' ħidma dwar it-tranżizzjoni ġusta abbażi tad-djalogu soċjali u l-protezzjoni soċjali. Iżda t-trade unions u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ilhom jappellaw għal dan.

Madankollu jeħtieġ li niftakru li ma jistax ikun hemm ġustizzja klimatika mingħajr drittijiet tal-bniedem u li d-drittijiet tax-xogħol huma drittijiet tal-bniedem. U tkellimna ħafna dwar drittijiet f'Sharm El-Sheikh. Is-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet il-kbar, it-trade unions u ċerti gvernijiet akkużaw lill-Eġittu bin-nuqqas tad-drittijiet tal-bniedem.

Hemm mistoqsija oħra li rridu nagħmlu dwar il-funzjonament stess tal-Konferenzi, saħansitra dwar il-politika internazzjonali dwar il-klima: għandhom jiġu riformati? Għandna nisimgħu iktar lis-soċjetà ċivili, lill-imsieħba soċjali, liż-żgħażaġh u lin-nisa? M'għandniex nagħtuhom vuċi aktar b'saħħitha fit-teħid tad-deċiżjonijiet?

Fir-rigward ta' dak li fil-verità kisbet il-COP, jidher ċar li hemm nuqqas ta' ambizzjoni, meta titqies kemm hi kbira l-emerġenza klimatika. Ma stajniex nemmnu li għadna qed nieħdu sehem f'diskussjonijiet dwar kwistjonijiet li suppost huma ovvj, bħall-għan ta' 1.5°C, tnaqqis aktar rapidu tal-fjuwils fossili, eċċ., mingħajr ma nsemmu l-kwistjonijiet ta' finanzjament.

U iva, huwa ovvju li l-irġiel għadhom qed jiddominaw in-negozjati dwar il-klima, kemm fin-numru kif ukoll minħabba l-pożizzjoni ġerarkika tagħhom. Il-preżenza tan-nisa fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fir-rigward tal-klima hija essenzjali u n-nuqqas tagħhom iħarrax l-inugwaljanzi u jwaqqafhom milli jikkontribwixxu aktar bis-sħiħ fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki dwar il-klima.

Iż-żmien għaddej u din il-COP 27 tagħmilha ċara li minkejja xi progress, għad fadal ħafna xi jsir.

Isabel Caño Aguilar

Il-Viċi President tal-Osservatorju tal-Iżvilupp Sostenibbli



Neža Repanšek: Flimkien nistgħu nqottu l-ħitan tal-bi'a

Malli dħalt fis-sala tar-reġistrazzjoni tal-COP27 f'Sharm el Sheik, ħassejtni kompletament mitlufa. Mitlufa bin-nies, bl-avvenimenti, bid-diversità u bl-istorbju. Tistgħu timmaġinaw eluf ta' nies jittkellmu f'daqqa, iżda ħadd ma jagħti widien? Mhux faċli nagħti deskrizzjoni.

Forsi biex niftiehem sew aħjar nuża s-simboliżmu bibliku tat-Torri ta' Babel, fejn waqt li kien qed jinbena t-torri, in-nies f'daqqa waħda bdew jittkellmu b'lingwi differenti u ma setgħux jikkomunikaw u jaħdmu flimkien biex jibnu t-torri. L-isfidi biex naħdmu flimkien għal kawża komuni tfaċċaw ukoll fil-COP ta' din is-sena. Eluf ta' persuni, kulħadd bl-aġenda tiegħu u b'approċċ uniku, tkellmu ma' persuni tal-istess fehma fil-bżieġaq

soċjali tagħhom. In-negozjati formali ngħataw xi ftit il-ġenb peress li l-konferenza kienet qisha fiera, u kien diffiċli li jinstab il-post ta' avveniment minħabba nuqqas ta' ħin jew distanza eċċessiva. Kull dialogu kellu jiġi ppjanat minn qabel u kienu biss ftit l-affarijiet li setgħu jiġu improvizzati.

Għandna bżonn dan it-tip ta' avveniment? Inisslu tama? Fil-fehma tiegħi, avvenimenti jistgħu jittejjbu mil-lat loġistiku. Madankollu, peress li huwa l-uniku avveniment annwali fejn ħafna partijiet ikkonċernati differenti jiltaqgħu u jikkondividu l-istess realtà, passjoni, u tħassib sinċier għall-futur tagħna, nistqarr li l-COP27 nisslet tama. Forsi dan kien minħabba l-fatt li lkoll flimkien esperjenzajna temp sħun f'Novembru, l-ikel bi prezz eċċessiv fl-ewwel ġimgħa, jew il-laqgħat tard ta' matul il-lejl. Jista' jkun minħabba l-istejjer li smajna u qsamna ma' nies minn madwar id-dinja kollha. Jista' jkun ukoll minħabba r-realizzazzjoni li t-telf u l-ħsara kkawżati mit-tibdil fil-klima diġà qed iseħħu kullimkien, u li l-mistoqsija ta' jekk għadniex naġixxu jew le ma għadhiex treġġi.

Jiena kont parti mill-kostitwenza YOUNGO u delegata ta' partit, u minkejja l-istorbju, l-atmosfera ta' fiera, u ruxxmata avvenimenti, eżatt wara l-Plenarja tal-Popli rrealizzajt li jekk ma temminx f'kawża, fl-aħħar taċċetta kwalunkwe ħaġa.

Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima qatt mhi se tintrebaħ fil-kamra tan-negozjati, iżda biss fuq il-post, permezz tal-kawża komuni tagħna. Flimkien nistgħu nħottu l-ħitan tal-bi'a, bħal qtar tal-ilma li jingħaqdu fix-xmajjar li jistgħu jsawru l-widien u jċaqilqu l-muntanji! Jeħtiġilna nibnu alleanzi, niżguraw parteċipazzjoni demokratika viżibbli, u nirrispettaw id-dinjità u d-drittijiet tal-bniedem.

Ma nistgħux nirrepetu l-istess affarijiet u nistennew riżultat differenti. Jekk m'aħna se nagħmlu xejn, se nitilfu d-dinja. Għalhekk, wasal iż-żmien li nwarrbu n-narrattiva "ftit wisq tard wisq", u nagħmlu qabża ta'

ġgant u ambizzjuża ta' fiduċja u niżguraw l-impenn veru tal-partijiet li jirrispettaw id-deċiżjonijiet meħuda fil-COP27 ta' Sharm El-Sheikh.

AQTA' MIN HI L-PERSUNA MISTIEDNA?



Il-mistieden sorpri?a

Kull xahar, f'din il-kolonna, nintroduċu personalità pubblika li ħidmitha u l-impenn tagħha huma sors ta' ispirazzjoni. Il-kuraġġ, il-karattru sod ta' dawn il-personalitajiet u d-determinazzjoni tagħhom li jaġixxu huma eżemplari, u l-qlubija tagħhom jistħoqqilha r-rispett kollu tagħna.

Illum il-mistieden tagħna huwa **Tikhon Dzyadko**, ġurnalista Russu indipendenti iżda wkoll preżentatur tat-televiżjoni u maniġer tal-midja. Huwa l-editur kap ta' TV Dozhd, l-uniku stazzjon tat-televiżjoni indipendenti fir-Russja, li issa huwa bbażat fl-Ewropa.

Tikhon Dzyadko beda l-karriera tiegħu jaħdem mal-istazzjon indipendenti tar-radju "Echo of Moscow". Mill-2007 sal-2012 huwa kien korrispondent fir-Russja għall-organizzazzjoni internazzjonali Reporters mingħajr fruntieri. Għal xi żmien kien ukoll viċi kap editur u ospitant tal-kanal RTVi. Huwa ngħaqad ma' TV Dozhd fl-2010 meta dan l-istazzjon inħoloq għall-ewwel darba u sar il-kap editur tiegħu fl-2019. F'Marzu 2014, huwa ffirmat appell kontra l-annessjoni tal-Krimea mill-Federazzjoni Russa. F'Marzu 2022, il-Gvern Russu mblokka t-trażmissjonijiet ta' TV Dozhd. Il-ġurnalisti li kienu qed jaħdmu mal-istazzjon, inkluż **Tikhon Dzyadko**, telqu mill-pajjiż u komplew l-attivitajiet ġurnalistiċi tagħhom barra mir-Russja. (ehp)



Tikhon Dzyadko: Il-propaganda Russa g?andha wi ?? il-kriminali tal-gwerra

Sir af il-mistieden sorpriża tagħna, **Tikhon Dzyadko**, f'intervista qasira iżda b'impatt kbir!

KESE Info: Meta ddeċidejt li ma stajt x tibqa' taħdem f'Moska? Kienet deċiżjoni tiegħek li titlaq mir-Russja, jew ma kellekx għażla?

Tikhon Dzyadko: Bħal ħafna ġurnalisti oħra, konna mgħiegħla nitilqu mill-pajjiż. Wara l-bidu tal-gwerra fl-Ukrajna, il-gvern Russu impona ċensura militari. Ġiet adottata leġiżlazzjoni ġdida li skontha wieħed jista' jeħel 15-il sena l-ħabs talli jsejjaħ il-gwerra b'isimha, pjuttost milli "operazzjoni militari speċjali". Għalhekk, biex ma nispiċċax il-ħabs u fl-istess ħin inkompli nagħmel xogħli bħala ġurnalista, kelli nitlaq mill-pajjiż.

Fejn qed taħdem issa?

L-istudios ta' TV Dozhd jinsabu fi tliet postijiet differenti: f'Riga, fi Tbilisi u f'Amsterdam. Jien ibbażat f'Amsterdam.

Kif tiddeskrivi l-propaganda Russa?

Il-propaganda Russa hija perikoluża ħafna għax hija organizzata u kkontrollata mill-kriminali tal-gwerra. Il-propaganda Russa għandha wiċċ il-kriminali tal-gwerra. Ilhom snin jinstigaw din il-gwerra billi jxerrdu l-gideb fost in-nies.

X'tistenna mill-Unjoni Ewropea?

Naħseb li l-UE u l-poplu tagħha għandhom jifhmu li hemm ħafna Russi li jopponu din il-gwerra u jappoġġjaw lill-Ukrajna u l-Ewropa.

X'tixtieq tagħmel fil-futur u fejn?

Nixtieq immur lura Moska u nkompli naħdem minn hemm.

A?BARIJET TAL-KESE



[#COP27: Is-so?jetà ?ivili Ewropea t?e??e? lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri j?idu l-ambizzjoni klimatika](#)

Ftit jiem qabel il-COP27 f'Sharm El-Sheikh, il-KESE adotta r-Riżoluzzjoni dwar [“L-indirizzar konġunt ta’ theddida eżistenzjali: l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili għall-implimentazzjoni ta’ azzjoni klimatika ambizzjuża”](#). Il-messaġġ tas-soċjetà ċivili organizzata Ewropea huwa ċar: għandna bżonn li l-istituzzjonijiet

tal-UE u l-Istati Membri jkomplu jaqdu r-rwol tagħhom ta’ tmexxija u jżidu l-ambizzjoni klimatika tagħhom, irrISPETTIVAMENT minn x’jagħmlu reġjuni oħra fid-dinja.

Maġġoranza ċara ta’ Ewropej, ta’ 70 %, jinsabu allarmati bit-tibdil fil-klima, u kważi tliet kwarti jemmnu li jeħtieġ jagħmlu aktar personalment biex jgħinu fit-tranżizzjoni ekoloġika, skont l-istħarriġ tal-Ewrobarometru. Il-KESE, permezz tar-Riżoluzzjoni u d-delegazzjoni tiegħu ta’ seba’ membri f'Sharm El-Sheikh, stieden lill-partijiet interessati kollha involuti jindirizzaw it-tħassib taċ-ċittadini u jżidu l-ambizzjoni

klimatika b'konformità mal-aħħar rakkomandazzjonijiet xjentifiċi.

Il-KESE kien rappreżentat mill-membri tiegħu **Peter Schmidt, Isabel Caño Aguilar, Sandra Parthie, Josep Puxeu Rocamora, Neža Repanšek** u **Lutz Ribbe**, relaturi tar-Riżoluzzjoni, u mill-attivista żagħżugħa favur il-klima **Sophia Wiegand**.

“It-tibdil fil-klima huwa waħda mill-akbar sfidi għall-umanità f’dan is-seklu. L-impatt tiegħu mhux se jibda bi wliedna iżda diġà jinsab magħna, u qed jibdel b’mod drammatiku l-mod kif ngħixu”, qal **Cillian Lohan**, il-Viċi President tal-KESE għall-komunikazzjoni u attivista tal-klima. “Naturalment, nafu li l-Unjoni Ewropea qed tagħmel aktar minn kwalunkwe reġjun ieħor, kif juru l-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-pakkett “leste għall-mira ta’ 55 %”. Iżda bħala d-dar tas-soċjetà ċivili Ewropea, jeħtieġ li nagħmlu pressjoni fuq il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri tal-UE biex iżommu r-rwol ta’ tmexxija tagħhom u jikkonvinċu lill-imsieħba globali tagħna biex isegwu l-eżempju tal-Ewropa”. (ks)



Ir-rwol tal-KESE b'ala msie'eb strateġiku jissa'? ? permezz ta' ftehim ta' kooperazzjoni? did mal- Kummissjoni Ewropea

Il-KESE u l-Kummissjoni ffirmaw protokoll ġdid ta' kooperazzjoni li jkompli jikkonsolida u jintensifika l-kooperazzjoni politika u leġiżlattiva bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet, kif ukoll l-isforzi

konġunti tagħhom biex jikkomunikaw dwar l-Ewropa. Il-protokoll isaħħaħ ukoll il-funzjoni strateġika tal-Kumitat fir-rigward tal-istituzzjonijiet tal-UE u r-rwol tiegħu fil-promozzjoni tal-valuri tal-integrazzjoni Ewropea u d-demokrazija parteċipattiva.

Il-protokoll il-ġdid, iffirmat fis-27 ta' Ottubru, jagħti lill-KESE rwol aktar b'saħħtu kemm fl-implimentazzjoni tal-[Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej](#), kif ukoll fi ħdan is-[Semestru Ewropew](#), għodda ta' politika ekonomika u fiskali ewlenija.

“Karakteristika ġdida sinifikanti fil-protokoll hija l-impenn li jiġu identifikati b’mod konġunt ħames suġġetti għal Opinjonijiet esploratorji kull sena, ladarba l-Kummissjoni tkun adottat il-programm ta’ ħidma tagħha. Dan huwa punt importanti ħafna għalina, li jippermettilna naħdmu b’mod li jħares ‘il quddiem”, ikkummentat il-President tal-KESE **Christa Schweng**. L-Opinjonijiet esploratorji huma Opinjonijiet imfasslin fuq talba tal-Parlament Ewropew, tal-Kummissjoni Ewropea jew tal-Kunsill tal-UE dwar kwistjonijiet ta’ interess kbir għas-soċjetà ċivili.

Il-Viċi President tal-Kummissjoni għar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u l-Prospettiva, **Maroš Šefčovič**, qal li “Din ir-reviżjoni tal-Protokoll se tiżgura li l-modi kif nikkooperaw ikunu aktar adatti għaż-żminijiet li ngħixu fihom u għall-isfidi li qed niffaċċjaw. Itenni wkoll ir-rwol importanti li għandu l-Kumitat fl-iżvilupp tal-politiki tagħna, bis-sinerġiji ta’ bejnietna jikkontribwixxu għall-funzjonament bla xkiel tal-UE”. (tk)



Il-KESE jipproponi aktar miżuri biex jiġu evitati kawżi abbużivi kontra ġurnalisti u difensuri tad-drittijiet

Fl-Opinjoni Inizjattiva kontra l-litigazzjoni abbużiva mmirata lejn il-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet, il-KESE ta l-appoġġ tiegħu għall-[proposta](#) tal-Kummissjoni li tħares liċ-ċittadini minn kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPPs). Dan jinkludi ġurnalisti u difensuri tad-drittijiet li huma kontributuri importanti

għal dibattiti dwar kwistjonijiet diffiċli.

Il-KESE approva l-Opinjoni fil-plenarja tiegħu f'Ottubru, u ppropona estensjoni tal-lista ta' miżuri li jgħinu fit-tnaqqis tas-SLAPPs. Ir-relatur tal-Opinjoni **Tomasz Andrzej Wróblewski** qal: "Jekk ma nsaħħux is-sistema, il-libertà tal-espressjoni se tiġi mhedda."

Il-korelatur **Christian Moos** qal: "Din hija kwistjoni politika urġenti u pressanti. Neħtieġu azzjoni biex niddefendu l-ġurnalisti u lil dawk li jtkellmu kontra l-abbuż tal-poter, kontra l-korruzzjoni."

Individwi b'saħħithom jew ċerti lobbies, korporazzjonijiet u korpi statali jużaw dawn is-SLAPPs biex isikkaw lill-ġurnalisti u lil parteċipanti oħrajn fid-dibattitu pubbliku, bħal attivisti soċjali, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, organizzazzjonijiet mhux governattivi, informaturi fis-sens wiesa', ċittadini involuti b'mod attiv u trade unions. Dawn l-azzjonijiet legali jieħdu vantaġġ minn lakuni fis-sistemi ġudizzjarji biex jinfetħu kawżi kriminali jew ċivili mingħajr bażi li jipprevjenu, jirrestrinġu jew jippenalizzaw il-parteċipazzjoni pubblika mill-individwi jew il-gruppi fil-mira.

Il-proposti tal-KESE jinkludu l-introduzzjoni ta' deċiżjoni preliminari li ttemm il-proċedimenti li jinstabu li mhumiex konformi, u l-konsolidazzjoni tal-proċedimenti f'ġurisprudenzja speċifika fuq talba tal-konvenut. Jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll miżuri oħra, inkluż l-istabbiliment ta' limitu ta' żmien jew mezz biex titħaffef il-proċedura. Suġġeriment ieħor huwa li tiġi eskluża l-possibbiltà li persuna oħra, għajr l-attur, tiffinanzja s-SLAPPs.

Ir-rieżami tal-leġiżlazzjoni nazzjonali jgħin ukoll biex jiġu identifikati mekkaniżmi li jistgħu jservu biex jiġġieldu s-SLAPPs. Għandu jittieħed approċċ uniformi kemm għall-każijiet transfruntiera kif ukoll dawk nazzjonali, iżda wkoll biex tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex tiġi dekriminalizzata l-malafama fl-Istati Membri fejn din għadha reat kriminali.

Il-KESE jissuġġerixxi wkoll li ż-żmien propost sal-evalwazzjoni tad-Direttiva SLAPP proposta jitqassar minn ħames snin għal sentejn.

Fl-aħħar nett, l-edukazzjoni u t-taħriġ huma kruċjali. Il-professjonisti legali u l-parteċipanti fid-dibattitu pubbliku jeħtieġ li jiġu mħarrġa biex ikunu jistgħu jirreaġixxu kontra s-SLAPPs u biex ikunu jistgħu jiddefendu aħjar il-libertà tal-espressjoni. (II)



L-indirizzar tal-kriżi tal-enerġija: is-soġġet à iivil i organizzata tappella għal approċċ realistiku u prammatiku għat-tranżizzjoni tal-enerġija

Il-KESE huwa impenjat u determinat fir-rigward tad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija tal-UE u jistieden lil dawk li jfasslu l-politika tal-UE biex jindirizzaw il-konsegwenzi ta' dipendenza fuq l-enerġija għal għexieren ta' snin.

B'dawn il-kliem, il-president tal-KESE, **Christa Schweng**, fetthet id-dibattitu dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija u l-awtonomija strateġika tal-UE waqt is-sessjoni plenarja fis-26 ta' Ottubru 2022. Il-KESE kien qed jospita l-professur **Loenardo Meeus** mill-European University Institute fi Firenze.

"Irridu naħdmu għal tranżizzjoni ekoloġika b'ritmu li n-negozji u s-soċjetajiet huma kapaċi jżommu miegħu u b'miżuri li jakkumpanjaw li jippermettu l-kompetittività globali u l-innovazzjoni tal-Ewropa," qalet is-**Sinjura Schweng**. "L-UE għandha l-potenzjal li tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq l-enerġija importata billi tiżviluppa l-kapaċità tagħha tal-enerġija lokali rinnovabbli, iżda jridu jiġu żgurati inċentivi ta' investiment xierqa."

Il-Professur Meeus irrefera għar-riformi tas-suq tal-elettriku tal-UE proposti mill-Kummissjoni Ewropea, jargumenta li s-suq tal-elettriku attwali li bnejna f'dawn l-aħħar 20 sena jista' jkun parti mill-futur tagħna, sakemm nikkomplementaw u nikkombinaw ma' strumenti ġodda sabiex jiġu involuti l-konsumaturi u modernizzati n-networks.

Id-dibattitu kien marbut mal-adozzjoni tal-Opinjoni tal-KESE [Viżjoni strateġika dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija li tippermetti l-awtonomija strateġika tal-UE](#), abbozzata minn Thomas Kattinig, **Lutz Ribbe** u **Tomasz Andrzej Wróblewski**.

L-Opinjoni tiddekrivi l-viżjoni tal-KESE dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija u r-rwol tagħha fit-tliet tal-awtonomija strateġika tal-UE, b'enfasi fuq it-tħaffif tad-dekarbonizzazzjoni, it-tnaqqis tad-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija, iż-żieda fl-aċċettazzjoni minn komunitajiet u negozji u l-appoġġ ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli. (mp)



Il-KESE jappella għal aktar appoċċ finanzjarju, u appoċċ għas-saħħa u għall-akkomodazzjoni għall- membri tal-familja li jipprovdu l-kura

L-UE u l-Istati Membri għandhom bżonn jimplimentaw miżuri biex itejbu l-ħajjet dawk li jipprovdu kura fit-tul għall-membri tal-familja b'diżabilità jew b'mard kroniku jew deġenerattiv, qal il-KESE fl-Opinjoni fuq inizjattiva proprja tiegħu dwar [Ir-rwol tal-membri tal-familja li jipprovdu l-kura lill-persuni b'diżabilità u lill-anzjani](#), li ġiet adottata fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Ottubru.

Ir-relatur tal-Opinjoni, **Pietro Vittorio Barbieri**, qal li l-miżuri kollha għandhom jittieħdu b'mod konġunt ma' dawk li jfasslu l-politiki, l-impjegaturi (permezz tad-djalogu soċjali) u l-membri tal-familja li jipprovdu l-kura u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom.

“L-ewwel pass huwa li nirrikonoxxu l-valur tax-xogħol tagħhom u nagħtuhom vuċi fl-assistenza li jipprovdu. It-tieni pass huwa l-għoti ta' servizzi u appoġġ fir-rigward tal-akkomodazzjoni sabiex jiġu evitati l-iżolament, il-marġinalità u l-piż żejjed psikofiżiku. Huwa ovvju li jekk il-pajjiżi jistgħu jiggarantixxu li jipprovdu ċertu servizzi, dan inaqqas ftit mill-piż minn fuq il-membri tal-familja”.

Tali miżuri jinkludu li l-membri tal-familja li jipprovdu l-kura ikollhom servizzi tas-saħħa adegwati, inkluża l-kura tas-saħħa preventiva, kif ukoll taħriġ dwar kif jieħdu ħsieb saħħithom stess. Jinħtieġu wkoll appoġġ u kura fid-djar (skont il-ħtiġijiet tas-saħħa u tal-kura) u appoġġ psikoloġiku għal dawk li jipprovdu l-kura u l-unità tal-familja.

Il-KESE jappella wkoll biex l-Istati Membri jikkunsidraw forom alternattivi ta' remunerazzjoni, inkluża għajnuna finanzjarja, għall-membri tal-familja li jipprovdu kura li jinsabu f'riskju ta' faqqar meta jkunu mgħiegħla jċedu l-impjeg bi ħlas jew jaħdmu inqas sigħat.

L-impjegaturi għandhom jithegħgu wkoll jipprovdu arranġamenti tax-xogħol flessibbli u benesseri korporattivi li jmorru lil hinn mill-minimu meħtieġ skont ir-regoli nazzjonali għall-impjegati li jipprovdu kura kontinwa għall-membri tal-familja.

Il-pandemija tal-COVID-19 x'aktarx aggravat is-sitwazzjoni ta' ħafna membri tal-familja li jipprovdu l-kura, iżda m'hemmx biżżejjed informazzjoni aġġornata disponibbli dwar l-iskala tal-kwistjoni u dan ifixkel l-isforzi biex din il-kwistjoni tiġi indirizzata. (II)



[Il-KESE jie?u azzjoni biex jawtonomizza lin-nisa fis-suq tax-xogħol u b?ala intraprendituri](#)

Biex ifakkar il-Ġimgħa għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-Parlament Ewropew, il-KESE adotta żewġ Opinjonijiet li fihom tfasslu xi rakkomandazzjonijiet dwar il-promozzjoni tal-

awtonomizzazzjoni tan-nisa u l-appoġġ lil dawk li jieħdu ħsieb il-familja. Il-Kumitat appoġġja wkoll l-inizjattiva tal-Parlament b'serje ta' avvenimenti marbuta mal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u d-diskriminazzjoni intersezzjonali.

Waqt li fetħet id-dibatittu, il-President tal-KESE **Christa Schweng** qalet: “Id-differenza attwali bejn il-ġeneri fl-impjegi mhijiex aċċettabbli u tirrappreżenta ħsara ekonomika u soċjali sinifikanti għall-UE. Jeħtieġ li noħolqu ambjent aktar favorevoli għall-intraprendituri nisa, inneħħu l-ostakli u l-istereotipi u nsibu aktar mudelli ta' referenza għaż-żgħażagħ bniet u nisa.”

Il-Viċi President tal-Parlament Ewropew, **Evelyn Regner**, enfasizzat il-bżonn tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u ta' miżuri vinkolanti: “Dan l-aħħar, il-progress kien b'ritmu aktar kajmana mis-snin preċedenti. Iżda fejn ġew introdotti miżuri vinkolanti, għadna nistgħu nagħmlu xi progress. Jeħtieġ li nibdlu l-kultura biex

niġġieldu kontra l-preġudizzju, iżda neħtieġu wkoll miżuri vinkolanti. U jeħtieġ li naħdmu flimkien – il-PE, il-KESE, in-nisa u l-irġiel, iż-żgħażaġh u l-anzjani.”

Ozlem Yildirim, relatur tal-[Opinjoni “Intejbu l-ugwaljanza fl-UE”](#), appella għal “politika effettiva kontra d-diskriminazzjoni fil-livell tal-UE, kompluta b'sanzjonijiet verament dissważivi”.

Il-korelatur, **Cristian Pîrvulescu**, spjega li “l-Opinjoni tappella biex tiġi żviluppata l-ġenerazzjoni li jmiss ta' miżuri biex tiġi promossa l-ugwaljanza fl-Ewropa, abbażi tar-rikonoxximent tal-prinċipju tal-ugwaljanza u tal-obbligi biex tiġi infurzata.”

Il-Kumitat adotta wkoll [Opinjoni dwar Ir-rwol tal-membri tal-familja li jipprovdu l-kura lill-persuni b'diżabilità u lill-anzjani](#). Ir-relatur għall-Opinjoni, **Pietro Vittorio Barbieri**, spjega li “l-benessri Ewropew huwa bbażat fuq dawk li jieħdu ħsieb il-familja, li spiss jiġihallaw barra mis-sistema. Il-maġġoranza l-kbira ta' dawn huma nisa li huma mgħiegħla jagħżlu bejn li jipprovdu l-kura jew li jkomplu jaħdmu. Inhegħgu lill-istituzzjonijiet Ewropej u nazzjonali biex jinvestigaw dan il-fenomen u f'għieħ dawk li jindukraw u dawk li għandhom bżonn il-kura.” (gb)



[Il-KESE jappella għal strateġija sostenibbli dwar il-proteini u t-taħżen tal-pjanti](#)

F'Opinjoni fuq inizzjattiva proprja, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) enfasizza l-ħafna benefiċċji ta' strateġija ekoloġika tal-UE għall-espansjoni tal-produzzjoni tal-proteini u taż-żjut tal-pjanti u jipproponi deskrizzjoni ta' din l-istrateġija.

Dawn il-benefiċċji jinkludu t-tnaqqis tad-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet u l-kontribut għall-iżvilupp taż-żoni rurali.

Ir-rakkomandazzjonijiet prattiċi tal-KESE għal strateġija proposta huma konformi mal-għan tal-UE li tilħaq l-awtonomija strateġika tal-provvista, il-KESE stqarr fl-Opinjoni, li ġiet approvata waqt il-plenarja tiegħu f'Ottubru.

Ir-relatur tal-Opinjoni, **Lutz Ribbe**, qal fil-plenarja: “L-UE tiddependi ħafna fuq l-importazzjonijiet tal-għalf, b'75% tal-pjanti b'livell għoli ta' proteini tagħha ġejjin minn barra. Il-promozzjoni tal-produzzjoni tal-UE ta' uċuħ ta' proteini hija essenzjali u ser ikollha wkoll impatt pożittiv fuq il-bijodiversità u fuq l-ambjent kollu kemm hu, kif ukoll tgħin lill-bdiewa jnaqqsu l-użu ta' fertilizzanti minerali.”

Il-ħafna benefiċċji tal-espansjoni tal-kultivazzjoni tal-proteini u taż-żjut tal-pjanti fl-UE u ż-żieda fir-rwol tal-art bil-ħaxix fl-għalf għall-annimali huma: rotazzjoni miżjuda tal-uċuħ, awtosuffiċjenza fil-fjuwil tat-tratturi u disponibbiltà akbar ta' solidi tal-pjanti wara l-ipproċessar, peress li dawn għandhom potenzjal ta' għalf tal-proteini eċċellenti għall-bhejjem.

Ġeneralment, strateġija tal-UE għandha tqis l-interessi tal-komunitajiet rurali u tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli f'konformità mal-[viżjoni fit-tul tal-UE](#).

Il-KESE jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tagħti ħarsa aktar mill-qrib lejn il-[Kummissjoni dwar il-Futur tal-Agrikoltura](#) stabbilita mill-gvern federali Ġermaniż u jikkunsidra jekk dan il-format huwiex adatt ukoll għall-iżvilupp ta' strateġija Ewropea dwar il-proteini. (ks)



[Il-KESE ji?bed l-attenzjoni dwar il-?tie?a g?al pjan ta' azzjoni tal-UE dwar id-diplomazija kulturali](#)

Rapport ġdid tal-KESE jissuġġerixxi li l-UE għandha tistabbilixxi pjan ta' azzjoni komplut, pluriennali u strateġiku sabiex jinħeles il-potenzjal sħiħ tad-diplomazija kulturali.

Għalkemm il-kultura bħala strument tal-politika barranija tal-Unjoni Ewropea ilha fuq l-aġenda għal dawn l-aħħar 17-il sena, qatt ma kienet prijorità reali. Madankollu, issa li l-gwerra reġġet fuq il-kontinent, il-kultura teħtieġ iktar minn qatt qabel tkun xprun strateġiku ewlieni tal-politika barranija tal-UE, il-KESE jenfasizza fl-Opinjoni.

“Il-kultura tista’ tkun assi prinċipali fil-perkors intern tal-Ewropa, iżda wkoll fl-immaġni esterna li tipprojetta l-UE,” qal **Luca Jahier**, relatur għall-Opinjoni.

Is-Sur Jahier enfasisza b’mod partikolari l-importanza tal-wirt kulturali bħala suġġett ta’ sensittività politika kif ukoll kumpless ħafna, u għaldaqstant komponent diplomatiku b’saħħtu u komplementari għall-approċċ tal-UE lejn il-paċi, is-sigurtà u l-iżvilupp sostenibbli.

Pjan ta’ azzjoni strateġiku pluriennali u b’saħħtu dwar id-diplomazija kulturali għandu jkopri l-protezzjoni, ir-restawr u l-bini mill-ġdid tal-wirt f’żoni milquta minn diżastri naturali, kriżijiet u kunflitti. Għandu jinkludi wkoll l-identifikazzjoni ta’ inizjattivi eżistenti, li jwassal għall-ħolqien ta’ pjattaforma tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali kif ukoll struttura ddedikata fi ħdan is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna li jkollha fiċ-ċentru tagħha “Mibgħut Speċjali tal-UE għar-Relazzjonijiet Kulturali”.

L-[Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar ir-rwol tad-diplomazija kulturali](#), adottata fis-sessjoni plenarja tal-KESE f’Ottubru, tenfasizza s-sinifikat tad-dimensjoni kulturali fil-kuntest ġeopolitiku attwali, xi ħaġa li hija kompletament konformi mal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli. (mt)



Il-mobbiltà għandha ti?i rikonoxxuta b?ala dritt individwali

F'Opinjoni fuq inizjattiva proprja adottata fis-sessjoni plenarja tal-KESE ta' Ottubru, il-KESE appella sabiex il-mobilità tiġi rikonoxxuta bħala dritt individwali u bħala ben pubbliku li għandu jkun disponibbli għal kulħadd.

[L-Opinjoni tal-KESE](#) mfassla minn **Kristina Krupavičienė** u **Dovilė Juodkaitė**, tenfasizza li l-mobilità sostenibbli tista' tagħmel l-irkupru ekoloġiku tal-UE realtà: it-trasport pubbliku li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u li hu faċli biex jintuża mill-utent jista' jkun xprun ġenwin fl-irkupru wara l-pandemija tal-COVID-19.

“Il-pandemija kienet katalist, u wriet li t-trasport pubbliku huwa servizz essenzjali fl-interess pubbliku, speċjalment billi jipprovdi aċċess għall-impjegi u s-servizzi għall-ħaddiema tal-ewwel linja u għall-gruppi vulnerabbli”, qalet **is-Sinjura Krupavičienė**.

Skont il-KESE, l-UE għandha bżonn strateġiji biex taġġorna l-mobilità u ttejjeb it-trasport pubbliku, u tagħmlu aktar attraenti u aċċessibbli għall-membri tal-pubbliku, speċjalment dawk bi dħul baxx.

It-trasport pubbliku jista' jkun parti ewlenija mill-irkupru tal-Ewropa wara l-pandemija: jista' jgħin biex jindirizza t-tħassib dwar il-klima u fl-istess ħin itejjeb il-kwalità tal-ħajja billi jippermetti lin-nies jaħdmu, igawdu ħajja soċjali u jaċċessaw il-kultura. Madankollu, biex tinkiseb mobbiltà sostenibbli hemm bżonn impenn politiku qawwi mill-atturi kollha u fil-livelli kollha.

“Qed nistiednu lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi miri li jistgħu jitkejlu u ambizzjużi għall-promozzjoni tat-tranżizzjoni mill-użu tal-karozzi privati għat-trasport kollettiv u l-mobilità attiva, u nħeġġu lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn mezzi tat-trasport aktar ekoloġiċi billi jagħmluhom aktar attraenti”, qalet **is-Sinjura Juodkaitė**. (mp)



Il-KESE jappella għal aktar awtonomija tal-UE fis-setturi tal-enerġija, l-ikel, l-ilma u l-materja prima biex l-emerġenzi ji?u indirizzati a?jar

Il-KESE qed iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw pjan biex l-UE tkun iktar ippreparata għall-emerġenzi. B'mod partikolari, il-pjan għandu jżid is-sovranità tal-UE fil-

ġenerazzjoni tal-enerġija, il-produzzjoni tal-ikel u tal-ilma u l-estrazzjoni tal-materja prima.

Hekk kif qed toqrob ix-xitwa u l-ispejjeż tal-enerġija qed iħassbu liċ-ċittadini, il-KESE jrid li l-UE ttejjeb ir-reżiljenza tagħha sabiex tkun tista' tindirizza kriżijiet futuri.

F'[Opinjoni fuq inizjattiva proprja](#), adottata waqt l-aħħar sessjoni plenarja, il-KESE enfasisza t-twelmin tiegħu li fil-politiki kollha dwar l-enerġija għandu jiġi integrat it-titjib kontinwu biex tiżdied ir-reżiljenza tas-sistemi tal-enerġija għal emerġenzi naturali, politiki jew oħrajn.

Dan għandu jinkludi l-katina kollha ta' produzzjoni, inklużi r-riċerka u l-iżvilupp, l-ipproċessar tal-materjal, id-diżinn, il-manifatturar, l-installazzjoni, it-tnedija u l-manutenzjoni tal-faċilitajiet fis-suq uniku tal-UE. L-awtonomija tgħin jiġi eliminati l-faqar enerġetiku u l-qgħad.

Ir-relatur tal-Opinjoni, **Paul Rübig**, appella wkoll li jiġu appoġġjati ċ-ċittadini u l-konsumaturi li jixtiequ jinvestu fil-produzzjoni tagħhom u fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija: "Neħtieġu kampanji ta' informazzjoni, inċentivi u sussidji fiskali u rridu nibnu infrastruttura ġdida tat-trasport fis-suq intern kollu, iżda wkoll barra l-Unjoni Ewropea".

B'żieda ma' dan, il-KESE jappella biex jiġu żgurati l-provvisti ta' materja prima kritika bħar-ram, il-litju, il-kobalt u elementi tal-materjali tal-art rari permezz ta' strateġiji ġodda tas-suq intern għall-estrazzjoni u r-riċiklaġġ. Huwa jirrakkomanda li jiġu salvagwardjati s-sorsi taż-żejt, tal-faħam, tal-gass, tal-uranju, tal-ilma, tal-ikel u tal-għalf tal-annimali u li jitfasslu pjani għar-razzjonalizzazzjoni tal-enerġija, tal-ikel, tal-ilma u tal-faċilitajiet tas-sanità.



[Iċ-Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali jawtonomizzaw lill-SMEs ekoloġiċi u diġitali](#)

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jirrakkomanda li ċ-Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali jissaħħu biex tingħata spinta lill-kapaċità tal-innovazzjoni tal-UE bħala parti mit-tranżizzjoni lejn futur sostenibbli. Iċ-Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali jipprovdu infrastruttura siewja għall-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs) li altrimenti jistgħu jsibuha diffiċli biex isiru aktar ekoloġiċi u aktar diġitali.

L-UE tinsab wara l-Istati Uniti u l-Ġappun f'termini tal-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp relattiv għall-PDG (2,32 % fl-2020, imqabbel ma' 3,08 % fl-Istati Uniti u 3,2 % fl-Ġappun).

Il-KESE jemmen li l-UE għandha ssaħħa l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp għal 3 % tal-PDG u ressaq diversi rakkomandazzjonijiet dwar kif isir l-aħjar użu taċ-[Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali](#) għal dan l-għan f'[Opinjoni fuq inizjattiva proprja](#) adottata fis-sessjoni plenarja tiegħu f'Ottubru.

Ir-relatur tal-Opinjoni, **Giuseppe Guerini** qal: "It-tranżizzjoni diġitali tolqot lis-soċjetà Ewropea kollha, mhux l-ekonomija biss. Hemm impatt dirett fuq it-tliet tal-miri klimatiċi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, imma fuq kolloxx, hemm impatt soċjali f'ħafna oqsma".

Meta tkellem dwar l-importanza taċ-Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali, il-korelatur **Nicos Epistithiou** żied jgħid: "Iċ-Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali jiffunzjonaw bħala punti uniċi ta' servizz li jipprovdu gwida lill-SMEs dwar it-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika. It-trade unions, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem u l-awtoritajiet pubbliċi jeħtieġ jaħdmu flimkien ma' dawn iċ-ċentri".

Iċ-Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali huma kollaborazzjonijiet bejn tipi ta' organizzazzjonijiet differenti. Huma jservu bħala pjattaformi għall-ittestjar ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi qabel l-investiment u jistgħu jintużaw għall-iskambju tal-aħjar prattiki u għall-iżvilupp tal-ħiliet diġitali.

In-network taċ-Ċentri tal-Innovazzjoni Diġitali fl-Ewropa bħalissa għaddej minn ristrutturar kbir imma l-KESE jinsab imħasseb li hemm nuqqas ta' viżjoni ċara dwar l-iżvilupp futur.



[L-UE te?tie? rispons komuni biex tindirizza x-xokkijiet sistemi?i ming?ajr ma tipperikola l-g?anijiet ambjentali tag?ħa u ming?ajr ma t?alli lin-nies jibqg?u lura](#)

F'żewġ Opinjonijiet li għadhom kif ġew adottati, il-KESE jagħti fehmiet aġġornati dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2022 tal-Kummissjoni, li jiddeskrivi l-prijoritajiet futuri tal-politika ekonomika u tal-impjegi għall-UE, kif ukoll dwar ir-Rakkomandazzjonijiet dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro għall-2022. Il-KESE jappella għal approċċ ibbilanċjat li ma jipperikolax l-għanijiet soċjali u ambjentali tal-UE.

Il-KESE jenfasizza li, fid-dawl taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel, għandha tiġi stabbilita xibka ta' sikurezza soċjali għal dawk l-aktar vulnerabbli. Peress li l-inflazzjoni laħqet livell rekord, il-Bank Ċentrali Ewropew għandu janalizza l-effetti sekondarji tal-politika monetarja tiegħu, pereżempju fuq it-tkabbir u l-impjegi, u fir-rigward taż-żieda fid-dejn pubbliku, jinħtieġ progress fir-riforma tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

“Nappellaw għal approċċ ta' politika bbilanċjat, li għandu jipproteġi l-ġustizzja u l-oġettivi ambjentali, b'mod partikolari fi żminijiet ta' kriżi”, qalet **Judith Vorbach**, relatur tal-[Opinjoni addizzjonali dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2022](#). “Dan l-approċċ huwa l-bażi għall-prosperità u l-kompetittività tal-passat, tal-preżent u tal-futur tal-UE, u għal konverġenza u reżiljenza akbar”.

Ir-relatur tal-[Opinjoni addizzjonali dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2022](#), **Juraj Sipko** iżid jgħid: “Irridu naħdmu flimkien biex nindirizzaw ix-xokkijiet sistemiċi bla preċedent li d-dinja qed tiffaċċja bħalissa. Id-dewmien fl-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri jista' jkollu konsegwenzi estensivi, mhux biss f'termini ta' telf materjali, iżda wkoll f'termini ta' ħajja umana”. (tk)



Galia Ackerman

[It-tkabbir, il-komunikazzjoni u l-enerġija fuq quddiem nett tal-a?enda tas-seminar tal-KESE “Nikkollegaw l-UE” li jindirizza l-impatt tal-gwerra fl-Ukrajna fuq l-UE](#)

L-isfidi enormi għall-Ewropa li tirrappreżenta l-aggressjoni Russa kienu s-suġġett tas-seminar annwali tal-KESE għall-komunikaturi tas-soċjetà ċivili, bit-titolu [Inkwiet ġeopolitiku fuq l-għatba tal-Ewropa: il-perspettiva tas-soċjetà ċivili](#), li sar f'Zagreb, il-Kroazja, fl-24 u l-25 ta' Ottubru 2022.

L-Unjoni Ewropea ma għandhiex biss tappoġġja lill-Ukrajna matul il-gwerra, iżda għandha wkoll tirrifletti dwar ir-rikostruzzjoni fit-tul tal-Ukrajna u l-perkors tagħha lejn sħubija mal-UE. Dan ġie enfasizzat waqt is-seminar organizzat bi sħubija mal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tal-Kroazja.

Is-seminar kien maqsum fi tliet panels: It-tkabbir tal-UE, Il-komunikazzjoni fi żminijiet ta' kriżi, u L-enerġija.

Fid-diskors tal-ftuħ tagħha f'Zagreb, il-**President tal-KESE Christa Schweng**, qalet: "Ejjew nippruvaw nimmaġinaw lill-Ukrajna fi ftit snin oħra. Naf li huwa diffiċli li nara l-affarijiet b'mod pożittiv fl-isfond ta' aħbarijiet kostanti mill-kamp tal-gwerra, bil-missili jkomplu jolqtu lill-bliet Ukreni kuljum, jikkawżaw ħsara lin-network tal-ilma u jikkawżaw qtugħ tal-enerġija. Il-ħsieb tagħna u l-ħidma tagħna llum iridu jkunu ggwidati minn kif irridu naraw il-futur tal-Ukrajna. Jien nara lill-Ukrajna bħala pajjiż rikostrowit, għani, bbażat fuq il-valuri Ewropej u li jippermetti liċ-ċittadini tiegħu li jirritornaw għal ħajja deċenti f'pajjiżhom."

"Il-Punent kif kien żbaljat dwar Vladimir Putin?" **Galia Ackerman**, kittieba Franċiża-Russa, ġurnalista, u storika, indirizzat din il-mistoqsija fid-diskors ewlieni tagħha. Fil-fehma tagħha, Putin kellu aġenda moħbija sa minn meta tela' fil-poter fir-Russja.

Madankollu, għadd ta' persuni mill-Punent ma setgħux jagħrfu l-għanijiet ta' Putin, u oħrajn ippreferew li ma jagħmlux dan. Vladimir Putin, li huwa mħarreġ mill-KGB, għandu l-mentalità u l-etika tal-KGB. U jien naqbel li xi ħadd li huwa prodott tal-KGB jista' jkollu l-ħiliet li jqarra lill-biċċa l-kbira tad-dinja", qalet is-**Sinjura Ackerman**.

Il-Ministru Kroat għax-Xogħol, is-Sistema tal-Pensjoni, il-Familja, u l-Politika Soċjali, **Marin Piletić**, il-kap tal-Uffiċċju ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew fil-Kroazja, **Violeta Simeonova Staničić**, il-Kap tal-Media tal-Uffiċċju tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea fil-Kroazja **Andrea Čović Vidović**, u l-Kap tal-Assoċjazzjoni tal-Ġurnalisti Kroati **Mrvoje Zovko**, kienu fost il-kelliema li tkellmu fil-ftuħ tas-seminar.

Id-diskussjonijiet fit-tliet panels infetħu minn **Seamus Boland**, il-President tal-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE, **Oliver Röpke**, il-President tal-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE, u **Aurel Laurențiu Plosceanu**, membru tal-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE u l-President tas-Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza (SOC) tal-KESE, rispettivament.

Il-panel li fetaħ is-seminar, bit-titolu *Fid-dell tal-gwerra: il-kuntest ġeopolitiku ġdid tal-Ewropa u l-konsegwenzi għall-futur tal-UE*, iffoka fuq l-impatt tal-azzjonijiet tar-Russja fuq il-Balkani u t-tagħlimiet li l-Ukrajna tista' tiegħu dwar it-tkabbir tal-UE.

It-taqbida tal-Punent fil-"gwerra tan-narrattivi" kontra r-Russja ta' Putin kienet waħda mit-temiet tad-diskussjoni tal-panel dwar *Il-komunikazzjoni fi żminijiet ta' kriżi*. Il-membri tal-panel enfasizzaw is-saħħa tar-Russja biex ixxerred il-propaganda tagħha lil hinn mill-Ewropa u l-Amerika ta' Fuq, u rrimarkaw il-ħtieġa li qed tikber għal "armata" ta' professjonisti u voluntiera biex jiġġieldu kontra t-tekniki ta' diżinformazzjoni fl-Ewropa.

Problemi gravi fis-suq tal-enerġija, aggravati mill-gwerra, kienu s-suġġett tad-diskussjoni tal-panel dwar *Ir-rivoluzzjoni tal-enerġija bejn il-gwerra u l-oġettivi klimatiċi, l-isfidi għall-Patt Ekoloġiku*. L-isfidi għat-tranżizzjoni ekoloġika, it-tagħlimiet mid-dipendenza mir-Russja (li japplikaw ukoll għaċ-Ċina), u l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-enerġija nukleari kienu fuq l-aġenda tad-diskussjoni.

Is-seminar kien appoġġjat ukoll mill-Uffiċċju ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew u l-Uffiċċju tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea fil-Kroazja. (II)

A?BARIJET MILL-GRUPPI



Seminar bil-parte?ipazzjoni tal-Kummissarju Johansson: “Il-politiki tal-UE dwar il-migrazzjoni ekonomika: ir-rispons g?all-?ti?ijiet tas-suq tax-xog?ol u l-?iliet”

Mill-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE

L-impjegaturi jqisu li l-migrazzjoni ekonomika qed ikollha rwol dejjem akbar fit-taħlita ta' politika tal-UE biex jiġu pprovduti l-ħiliet u l-ħaddiema li l-kumpaniji Ewropej jeħtieġu sabiex ikunu kompettivi, produttivi u innovattivi. Ir-rwol tal-migrazzjoni ekonomika bħala parti mir-rispons ta' politika tal-UE għat-tisħiħ tad-disponibbiltà ta' forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati huwa fl-isfond ta' popolazzjoni fl-età tax-xogħol li qed tonqos; mobilità intra-UE staġnata, u spariġġ fil-ħiliet u nuqqas ta' ħaddiema f'firxa ta' setturi.

Is-seminar: “Il-politiki tal-UE dwar il-migrazzjoni ekonomika: ir-rispons għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet” esplora kif il-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni ekonomika tista' tikkontribwixxi biex tippromovi approċċ għall-migrazzjoni aktar immexxi mid-domanda. Is-seminar qies l-għodod, l-approċċi ta' politika u l-inizjattivi differenti fil-livell tal-UE, dak nazzjonali u dak settorjali li jsawru r-rwol tal-migrazzjoni biex tgħin sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' min iħaddem b'rabta mal-ħiliet.

L-avveniment ġie koorganizzat minn BusinessEurope u mill-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE fis-7 ta' Novembru 2022. Fost il-kelliema u l-parteċipanti kien hemm **Ylva Johansson**, Kummissarju għall-Affarijiet Interni, u rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, minn Cedefop, mill-imsieħba soċjali tal-UE u dawk nazzjonali, mill-awtoritajiet nazzjonali, kif ukoll membri tal-KESE.

Fl-avveniment, il-President tal-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE **Stefano Mallia** enfasizza l-importanza tal-migrazzjoni ekonomika: “F'sitwazzjoni fejn il-forza tax-xogħol domestika tal-UE waħedha mhijiex biżżejjed biex iżżomm l-ekonomija Ewropea għaddejja, l-UE u l-Istati Membri jeħtiġilhom ikomplu jiffaċilitaw il-migrazzjoni ta' ħaddiema b'ħiliet minn pajjiżi mhux tal-UE, u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistemi nazzjonali tagħhom, pereżempju t-testijiet tas-suq tax-xogħol, ikunu mibnija b'mod li jiffaċilitaw sabiex in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet jiġu indirizzati b'mod effettiv”.

Markus Beyrer, CEO ta' BusinessEurope, qabel ma' dan: "Nistiednu lill-Kummissjoni Ewropea tagħmel progress għal espressjoni ta' interess tal-UE għal tip ta' sistema ta' migrazzjoni ekonomika li tgħin lill-Ewropa ssir aktar attraenti għat-talent disponibbli madwar id-dinja. Ninsabu hekkom biex flimkien mal-Kummissjoni nikkontribwixxu għat-tfassil tal-verżjoni kompleta tar-Riżerva ta' Talent tal-UE proposta, sabiex niżguraw li din tkun allinjata tajjeb mal-ħtiġijiet tal-impjegaturi madwar l-Ewropa".

Id-diskussjonijiet urew li l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-UE, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati (speċjalment l-impjegaturi) hija meħtieġa biex jiġi żgurat li l-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni ekonomika tkun tista' tgħin biex jiġi promoss approċċ għall-migrazzjoni aktar immexxi mid-domanda. Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE jista' jkollha rwol importanti biex tgħin tqabbel il-migranti minn pajjiżi mhux tal-UE mal-postijiet tax-xogħol vakanti disponibbli. Il-Pjattaforma għall-Migrazzjoni l-ġdida tal-UE dwar it-titjib tal-governanza tal-migrazzjoni tal-ħaddiema, stabbilita fil-Pakkett dwar il-ħiliet u t-Talent. għandha ttejjeb il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Minħabba l-importanza li jkun hemm oqfsa ta' politika nazzjonali dwar il-migrazzjoni li jiffunzjonaw tajjeb, il-Kummissjoni għandha tidentifika opportunitajiet għal tagħlim reċiproku u rieżami bejn il-pari dwar kwistjonijiet bħall-iżgurar ta' listi ta' impjegi b'nuqqas ta' ħaddiema aġġornati regolarment u testijiet tas-suq tax-xogħol li jiffunzjonaw tajjeb.

Tista' ssib is-sommarju shiħ tas-seminar hawnhekk: <https://www.eesc.europa.eu/mt/news-media/news/eu-economic-migration-policies-responding-labour-market-and-skills-needs-0> (dv)

Insa??u d-demokrazija fuq il-post tax-xogħol



mill-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE

Kmieni dan ix-xahar, il-Grupp tal-Ħaddiema kellu laqgħa biex jiddiskuti kwistjoni ewlenija għall-moviment tat-trade union - id-demokrazija fuq il-post tax-xogħol. Huwa kruċjali li l-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom jiġu infurmati u kkonsultati meta jkun se jittieħdu deċiżjonijiet fi ħdan kumpanija. Il-konsultazzjoni tippromovi pagi u kundizzjonijiet aħjar għall-ħaddiema, u dan iwassal għal żieda fil-produttività u l-parteċipazzjoni tal-forza

tax-xogħol. Fil-fatt, in-negozji li jappoġġjaw id-demokrazija fuq il-post tax-xogħol jiksbu riżultati ħafna aħjar u huma aktar innovattivi. It-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali li għaddejjin bħalissa enfasizzaw il-ħtieġa urġenti li jinħoloq qafas leġiżlattiv b'saħħtu li jappoġġja d-demokrazija fuq il-post tax-xogħol.

Oliver Röpke, President tal-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE, laqa' lill-parteċipanti u ddeskriva fil-qosor l-impatt li l-pandemija globali u l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja ħallew fuq l-ekonomija Ewropea L-avveniment imbagħad infetaħ minn **Aurelio Fernández López**, membru tar-rappreżentanza permanenti Spanjola għall-UE, li assigura lill-udjenza li d-demokrazija fuq il-post tax-xogħol se tkun prijorità ewlenija għall-Presidenza Spanjola tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. **Rolf Schmachtenberg**, Segretarju tal-Istat fil-Ministeru Federali Ġermaniż għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali, għamel id-diskors ewlieni. Huwa spjega kif il-

parteċipazzjoni tal-ħaddiema u d-determinazzjoni konġunta huma l-bażi għas-suċċess ekonomiku tal-Ġermanja.

It-tieni panel tal-ġurnata kien dwar ir-rwol tad-demokrazija fuq il-post tax-xogħol sabiex jiġu difiżi l-istandards tax-xogħol fil-ktajjen tal-provvista. Il-membri tal-Grupp tal-Ħaddiema **Maria del Carmen Barrera Chamorro** siltet mill-Opinjoni tagħha dwar xogħol deċenti madwar id-dinja, li ġiet adottata reċentement. Filwaqt li tappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni f'dan il-qasam, hija rrimarkat li l-proposti attwali jeskludu l-parteċipazzjoni tat-trade unions u tal-kunsilli tax-xogħol.

F'sommarju tad-dibattitu, **Oliver Röpke** qal li d-diskussjoni ta' wara nofsinhar tgħin il-ħidma li għaddejja bħalissa tal-KESE dwar il-kwistjoni tad-demokrazija fuq il-post tax-xogħol, suġġett li għandu jiġi indirizzat minn trade unions Ewropej li jaħdmu flimkien u jgħaqqdu l-isforzi tagħhom.



[Ming?ajr l-involvement tas-so?jetà ?ivili mhux ?a jkun hemm tran?izzjoni ?usta lejn so?jetajiet b'u?u baxx tal-karbonju](#)

Mill-Grupp tal-KESE tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili

Id-dinja akkademika, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali, ir-rappreżentanti tal-awtoritajiet reġjonali u nazzjonali u l-membri tal-KESE Itaqgħu f'konferenza f'**Dolní Vitkovice**, żona li qabel kienet industrijali għall-minjieri tal-faħam u l-produzzjoni tal-azzar f'**Ostrava**, f'Ottubru 2022. Il-konferenza dwar [L-invenzjoni mill-ġdid tar-Reġjun tal-Moravia-Silesia fit-tiftix għal tranżizzjoni soċjalment ġusta](#) ġiet organizzata mill-Grupp tal-KESE tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili bħala parti mill-Presidenza Ċeka tal-Kunsill tal-UE, u attendew għaliha **Anna Hubáčková**, Ministru għall-Ambjent tar-Repubblika Ċeka, **Vladimír Špidla**, l-eks Kummissarju Ewropew kif ukoll il-President tal-KESE, **Christa Schweng**.

Huwa u jiftaħ il-konferenza, **Séamus Boland**, il-President tal-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE, enfasizza l-ħtieġa urġenti għal tranżizzjoni ġusta lejn ekonomiji newtrali għall-klima u biex l-atturi tas-soċjetà ċivili jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Huwa qal: "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew u t-tranżizzjoni diġitali tal-UE huma interdipendenti u ċentrali għall-istrateġija tal-UE ta' awtonomija ġeostrateġika mir-Russja. Iżda jeħtieġ li din il-viżjoni strateġika kbira tal-UE tinżel għal-livell lokali. Dan għaliex m'huwa se jinkiseb xejn mingħajr ma jiġu involuti l-komunitajiet lokali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Irridu ninvolvuhom b'mod dirett fil-proċessi minn isfel għal fuq, u noħolqu b'mod konġunt soluzzjonijiet kreattivi u sostenibbli għal futur sostenibbli."

Is-Sur Boland irrikonoxxa l-isforzi sinifikanti li saru fir-reġjun tal-Moravia-Silesia biex jittrasforma ruħu f'reġjun sostenibbli u b'użu baxx tal-karbonju,. Huwa enfasizza wkoll l-isfida tal-identità li tirriżulta mit-trasformazzjoni ta' din l-art fil-qalba tal-industrija tal-azzar tar-Repubblika Ċeka f'ekonomija b'livell baxx ta' karbonju. Il-proċess ċertament jinvolvi l-invenzjoni mill-ġdid tal-identità lokali.

Waħda mill-konklużjonijiet l-iżjed importanti ta' din il-konferenza kienet li tranżizzjoni soċjalment ġusta tista' ssir realtà biss permezz ta' sett ta' għodod ta' azzjonijiet u miżuri mgħammar bir-riżorsi: it-tiżni tal-investment billi jiġi ggarantit aċċess kontinwu għall-fondi pubbliċi u privati; li jiffoka fuq proġetti żgħar, servizzi soċjali, infrastruttura, innovazzjoni u riċerka, agrikoltura, żvilupp u koeżjoni soċjali; il-kondiviżjoni tal-

għarfien fost l-industriji u s-setturi, u t-tagħlim mill-aħjar prattiki u eżempji pożittivi. Dawn l-azzjonijiet u l-miżuri kollha għandhom jiġu mmirati b'mod partikolari lejn il-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieg ġodda, forza tax-xogħol b'iktar ħiliet, aktar integrazzjoni u inklużività.

L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jridu jkunu involuti b'mod dirett fil-mod kif iseħħu bidliet, fi sħubija, permezz ta' approċċ inklużiv minn isfel għal fuq, sabiex tiġi ggarantita l-parteċipazzjoni bis-sħiħ u fl-aħħar mill-aħħar, tranżizzjoni li hija ġenwinament ġusta.

Aqra iktar fis-[sit web tal-KESE](#) u fittex it-test sħiħ għar-rakkomandazzjonijiet u l-konklużjonijiet, ritratti, filmati u preżentazzjonijiet tal-kelliema mistiedna kollha, fuq il-[paġna tal-avveniment](#). (jk/mr)

SOON IN THE EESC/CULTURAL EVENTS



"Djalogi dwar id-Demokrazija ma?-?g?a?ag?" ser isiru f'Marzu 2023

Il-KESE qed iħejji għall-[avveniment annwali tagħna "L-Ewropa Tiegħek, Leħnek"](#) fejn studenti mill-Ewropa kollha jgħidu tagħhom dwar iċ-ċittadinanza attiva tagħhom f'demokrazija

parteċipattiva.

L-Ewropa Tiegħek, Leħnek reġa' lura għall-14-il edizzjoni, b'ritorn għall-format bi preżenza fiżika wara tliet snin. Intitolata *Djalogi dwar id-Demokrazija maż-Żgħażaġħ*, se ssir bejn **it-23 u l-24 ta' Marzu 2023**.

Minħabba li l-avveniment se jseħħ wara sena ddominata mill-kriżi fl-Ukrajna, it-theddid għar-reġimi paċifiċi, u l-isfidi soċjetali u ekonomiċi imprevedibbli li jwasslu għal bidliet sistemiċi, l-avveniment ta' din is-sena se jiffoka fuq kif tista' titqajjem kuxjenza dwar il-valuri demokratiċi, filwaqt li jitħeġġeġ il-ħsieb kritiku, it-tisħiħ tal-pożizzjoni taż-żgħażaġh u l-parteċipazzjoni tagħhom.

Matul il-jumejn, l-istudenti se jipparteċipaw f'sensiela ta' sessjonijiet ta' ħidma u attivitajiet interattivi li jilħqu l-apiċi tagħhom b'sensiela ta' rakkomandazzjonijiet li se jiġu ppreżentati lill-istituzzjonijiet Ewropej u lil dawk li jfasslu l-politika u jieħdu d-deċiżjonijiet Ewropej fuq livell għoli.

Ir-reġistrazzjonijiet għalqu fis-6 ta' Diċembru, u kellhom ċans japplikaw skejjel mill-Istati Membri kollha tal-UE u s-seba' pajjiżi kandidati (l-Albanija, il-Moldova, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Montenegro, is-Serbja, it-Turkija u l-Ukrajna).

Se tintgħażel bix-xorti skola waħda minn kull pajjiż, u r-rebbieħa se jieħdu sehem fl-avveniment ta' jumejn, li partijiet minnu se jixxandru wkoll fuq l-internet permezz tal-mezzi tal-midja soċjali tal-KESE.

Il-membri tal-KESE se jżuru kull skola magħżula minn qabel sew biex iħejju l-istudenti u l-għalliema għall-avveniment L-Ewropa Tiegħek, Leħnek. Dawn iż-żjarat jistgħu jsiru fiżikament jew mill-bogħod, bejn Jannar u Frar 2023. Id-dokumentazzjoni u l-materjali ta' tagħlim se jintbagħtu lill-iskejjel qabel dawn iż-żjarat.(ck)



Wirja tal-KESE tagħti f'ieħ lil atleti nisa b'diżabbiltà

Fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali għal Persuni b'Diżabbiltà (3 ta' Diċembru), il-KESE jippreżenta l-wirja fotografika virtwali “Tafhom lil dawn l-atleti nisa?”

Il-wirja tikkonsisti f'serje ta' posters li jippreżentaw atleti nisa attivi bħalissa minn tmien provinciji tal-Andalusija fi Spanja. Ilkoll huma atleti nisa b'diżabbiltà intellettuali, li jgħixu għall-isport, grazzi għall-isforzi enormi tagħhom u tal-familji tagħhom, li mingħajrhom kieku jaffaċċjaw ostakli li jimpedixxuhom milli jkollhom suċċess fl-attività tagħhom.

Serje ta' posters juru l-istess u l-esperjenzi ta' 24 atleta mara. Kull provincija għandha tliet posters abbinati magħha li juru l-kuraġġ, il-progress u l-forza li huma karatteristiċi ta' dawn l-atleti nisa, li minkejja kolloxx jużaw l-isports bħala forza biex ibiddlu ħajjithom.

Il-wirja qed tittella' online mill-1 sal-31 ta' Diċembru 2022. Din hija inizjattiva kulturali organizzata b'rabta mal-Opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-KESE dwar [L-azzjoni tal-UE għall-perjodu ta' wara l-COVID-19: irkupru aħjar permezz tal-isport](#) (ck)

Editur

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)
Daniela Marangoni (dm)

Il-kontributuri għal din l-edizzjoni huma

Amalia Tsoumani (at)
Daniela Marangoni (dm)
Ewa Haczyk-Plumley (ehp)
Giorgia Battiato (gb)
Jasmin Kloetzing (jk)
Katerina Serifi (ks)
Katharina Radler (kr)
Laura Lui (ll)

Luke Carroll (lc)
Marco Pezzani (mp)
Margarida Reis (mr)
Pablo Ribera Paya (prp)
Thomas Kersten (tk)

Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)
Giorgia Battiato (gb)

Technical support
Bernhard Knoblach (bk)
Joris Vanderlinden (jv)

Indirizz

Kumitat Ekonomiku u Soġjali Ewropew
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard, B-1040
Brussell, il-Belġju
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86
Indirizz elettroniku: eescinfo@eesc.europa.eu

KESE info huwa ppubblikat disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE. KESE info huwa disponibbli fi 23 lingwa. Il-KESE Info ma tistax titqies b'ala r-rapport uffiċjali tal-Idmiet tal-KESE; g'al dawn, jekk jogħġbok irreferi g'all-ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew g'al pubblikazzjonijiet oġrajn tal-Kumitat. Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk il-KESE Info jissema b'ala s-sors u tintbagħat link lill-editur.

12/2022